Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru:- 6/2017

**Anthony Apap (appellant)**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta' Socjali (appellat)**

13 ta' Lulju, 2018.

1. B'decizjoni tas-6 ta' Novembru, 2017 l-Arbitru cahad l-appell ta' Anthony Apap li bih kien ikkontesta d-decizjoni tal-intimat tat-13 ta' Awissu 2014 li r-rikorrent kellu jhallas lura s-somma ta' disat elef sitt mija u sitt ewro u ghaxar centezmi ta' ewro (€9,606.10) li kien ircieva f'Ghajnuna tal-Qghad matul il-perjodu bejn is-27 ta' Ottubru, 2012 u t-18 ta' Lulju, 2014. Id-decizjoni tal-intimat kienet bazata fuq il-fatt li ma kienx sodisfatt li, *"qed jifforma familja ghal rasek, u/jew, li qed tabita fl-indirizz moghti minnek"*.

2. Fid-decizjoni l-Arbitru qal:

*"Illi l-Arbitru ezamina bir-reqqa r-rapport tal-Ispettur Investigattiv, u minn kif xehedet l-Ispettur u anke mill-kontenut tal-istess rapport, specifikament mir-ritratti tal-fond in kwistjoni, jirrizulta b'mod car li l-appellant ma kienx jirrisjedi f'dan il-fond fil-perjodu bejn is-27 ta' Ottubru 2012 u t-18 ta' Lulju 2014. Illi l-Arbitru m'ghandu l-ebda dubju dwar il-veracita' ta' dak indikat f'dan ir-rapport u ghalhekk qieghed jiehdu bhala prova fl-intier tieghu"*.

3. Anthony Apap appella mid-decizjoni. L-aggravji huma:

   i. Fil-fatt illi l-Arbitru fid-decizjoni tieghu tas-6 ta' Novembru 2017, illimita ruhu ghad-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali datata 13 ta' Awwissu, 2014, u ma hax konjizzjoni tad-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali tat-23 ta' Lulju, 2014;
   ii. Fil-fatt illi l-Arbitru ghamel apprezzament hazin tal-fatti biex wasal ghad-decizjoni tieghu fil-konfront ta' l-attur appellanti u dan stante li d-decizjoni

tal-Arbitru giet ibbazata unikament fuq ir-Rapport tal-Ispettur Investigattiv bir-referenza BFI/192/14;

iii. L-Arbitru naqas milli japplika l-principji ta' ekwita' u gustizzja kif obbligat li jaghmel ai termini tal-Art. 108 (9) tal-Kap. 318;

4. L-intimat ipprezenta twegiba fejn ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

5. Wara li l-qorti qrat l-atti, hi tal-fehma li l-ewwel aggravju hu minghajr bazi. Fl-ittra tal-11 ta' Settembru, 2014 l-appellant ghamilha cara li l-appell tieghu kien b'riferenza ghall-ittra datata 13 ta' Awissu, 2014 li qal li rcieva fl-1 ta' Settembru, 2014. Ittra li biha l-appellant inghata avviz dwar id-decizjoni tal-appellat li kellha tithallas lura s-somma ta' €9,606.10. M'hemm l-ebda riferenza ghall-avviz datat 23 ta' Lulju, 2014 li bih kien infurmat li ser jitwaqqaf l-Ghajnuna ghall-Qghad. Fir-rikors tal-appell intqal li f'dak iz-zmien ma setax ikollu access ghall-avukat, minghajr ma ta dettalji. Inoltre, ir-riferenza ghall-avviz tat-23 ta' Lulju 2014 li hemm fl-ittra tat-13 ta' Awissu, 2014 hi biss fir-rigward tar-raguni ghalfejn hi dovuta r-rifuzjoni tal-beneficcju ghall-qghad.

6. B'riferenza ghat-tieni aggravju, il-qorti ma taqbilx li l-Arbitru aghmel apprezzament zbaljat tal-provi. Il-qorti qrat l-atti u ma ssib l-ebda raguni ghalfejn l-Arbitru kellu jiddeciedi mod iehor. Il-provi li tressqu jindikaw li probabbilment l-appellant qatt ma kien qieghed ighix fil-fond li fih iddijkara bhala r-residenza tieghu. Qari tar-rapport investigattiv li sar mid-Dipartiment ghall-Investigazzjoni ta' Frodi ta' Beneficcji ma jhalli l-ebda dubju. L-appellat ma kellux obbligu li jaghti prova li l-appellant kien qieghed ighix fil-fond 10, Blue Cave, Triq il-Hajt tal-Matla, Imqabba izda li jaghti prova li probabbilment l-appellant ma kienx qieghed ighix fil-fond Flat 2, Holma, Triq il-Folklor, Birzebbugia. Mill-ispezzjoni tal-fond fejn suppost kien ighix l-appellant irrizulta li:

i. L-appartament minn gewwa kien ghadu fi stat ta' gebel u saqaf. Lanqas madum ma fih;
ii. Fil-fond ma kienx hemm servizz ta' dawl u ilma. Kien hemm bicciet ta' injam ta' ghamara li ma kinux mghaqqdin;
iii. Fil-fond ma nstabux hwejjeg u effetti personali tal-appellant;
iv. Fil-fond ma kienx hemm kamra tal-banju;

F'dan ix-xenarju l-qorti ma tarax kif l-Arbitru seta' jiddeciedi b'mod differenti milli fil-fatt aghmel. Hu veru li missier l-appellant qal li:

*"Anthony Apap kien jorqod fil-post in kwistjoni; li kien jiekol take away; li ma jaffordja li jkompli jirranga l-post; li biex jaghmel il-bzonnijiet tieghu kien imur il-latrina tal-lokal jew ghand huh. Ix-xhud spjega li l-appellant kien jaghmel hafna hin barra"*.

Pero' dak li sabu l-ispetturi meta sar l-access ma jikkonvinci xejn lill-qorti li l-appellant effettivament qatt ghex fil-fond.

7. Dawn it-tip ta' kazijiet jidher li jinqalghu minhabba li d-Dipartiment ma jkunx investiga kif suppost qabel jaghti l-ghajnuna socjali u perjodikament ma jaghmilx verifiki dwar il-beneficcjarju. Dan jaghti lill-qorti x'tifhem li jew l-impjegati li jipprocessaw l-applikazzjonijiet ma jinghatawx tahrig kif suppost jew id-Dipartiment hu *understaffed*. Wiehed irid jiftakar li l-beneficcji socjali jigu wkoll mit-taxxi li l-Gvern jigbor minghand in-nies. L-Istat ghandu dmir li jizgura li l-beneficcji jinghataw lil min verament jisthoqlu u mhux joqghod jistenna li jircievi xi rapport anonimu qabel jinvestiga jekk huwiex misthoqq il-beneficcju. Hekk per ezempju, fil-fehma tal-qorti li d-Dipartiment jitlob il-kontijiet tad-dawl u ilma tal-fond fejn persuna tiddikjara li tirrisjedi, ghandu jkun taghrif baziku li jintalab dejjem.

8. Ghal dak li jirrigwarda t-tielet aggravju, l-Arbitru ddecieda fuq il-provi li tressqu. Il-principji tal-ekwita ma kellhom x'jaqsmu xejn. L-Arbitru ddecieda a bazi tal-provi li tressqu mill-partijiet. Il-punt principali kien jekk l-appellant kienx qieghed jifforma familja ghal rasu fil-fond li hu stess iddikjara. Hu evidenti li l-Arbitru m'emminx li matul il-perjodu in kwistjoni l-appellant kien qieghed ighix fil-fond li ddikjara hu stess lid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.